A.L. 280 ta' l-2008

KODIĊI KRIMINALI
(KAP. 9)

Regoli tal-Qorti ta' l-2008 dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Kodiċi Kriminali)

IL-PRESIDENT ta' Malta approva r-Regoli tal-Qorti li ġejjin magħmula mill-Bord b'setgħa li jagħmel regoli kostitwit taħt l-artikolu 516(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa r-Regoli tal-Qorti ta' l-2008 dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Kodiċi Kriminali).

Taqsima I - Posponiment ta' Ġurijiet

Posponiment ta' ġuri kriminali.

2. (1) Rikors wieħed biss għall-posponiment ta' ġuri kriminali, bażat fuq l-indisponibbiltà ta' l-avukat, jista' jiġi milqugħ.

(2) Il-Qorti Kriminali, meta tittrata rikors bħal dan, għandha tinnomina l-Avukat għall-Għajnuna Legali jew avukat ieħor biex jassumi d-difiża ta' l-akkużat, jekk l-avukat magħżul mill-akkużat ma jidhirx fil-ġurnata li għaliha l-ġuri jkun tħalla.

Taqsima II - Żamma tal-Bon-Ordni fil-Qrati tal-Ġustizzja

Żamma tal-bon-ordni. Kap. 12.

3. (1) Hadd ma jista', taħt il-pieni msemmija fl-artikolu 990 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili -

(a) ħlief f'dawk il-postijiet li d-Direttur Ġenerali tal-Qrati, bil-kunsens tal-Prim Imħallef, jista' jindika għal dak l-iskop, jesponi għall-bejgħ jew ibiegħ kull xorta ta' ikel jew ħwejjeġ oħra fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, jew, ħlief f'dawk il-postijiet kif hekk indikati, jiekol jew jixrob, waħdu jew ma' ħaddieħor, f'dak il-bini; jew

(b) ipejjep fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja f'dawk il-postijiet li għalihom il-pubbliku għandu aċċess, ħlief f'dawk il-postijiet li d-Direttur Ġenerali tal-Qrati, bil-kunsens tal-Prim Imħallef, jista' jindika għal dak l-iskop; jew

(ċ) jitkellem jgħajjat fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja b'mod li jiddisturba s-seduti tal-Qrati; jew

(d) iħalli kull mekkaniżmu li jċempel ta' *mobile* jew telefon ċellulari jew ta' xi apparat ieħor simili mixgħul f'awla waqt seduta ta' qorti jew tribunal; jew

(e) iġib fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja xi tifel jew tifla taħt it-tlettax-il sena, ħlief meta dawk it-tfal ikunu msejjħa bħala xhieda quddiem qorti jew tribunal ieħor li jżomm is-seduti fl-imsemmi bini, jew meta dik il-qorti jew dak it-tribunal ikun tal-fehma li l-preżenza ta' dawk it-tfal tkun meħtieġa f'konnessjoni ma' xi proċediment quddiem dik il-qorti jew dak it-tribunal, jew kif jista' jiġi awtorizzat xort'oħra mid-Direttur Ġenerali tal-Qrati, bil-kunsens tal-Prim Imħallef; jew

(f) jidħol fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja mingħajr ma josserva l-proċeduri ta' sigurezza li jkunu fis-seħħ u li jkunu ġew stabbiliti mid-Direttur Ġenerali tal-Qrati; jew

(g) waqt is-smigħ ta' kawża f'awla jieħu, jew jipprova jieħu, ritratt fotografiku jew filmat b'kull mezz li jkun, ħlief meta tali ritratt jew filmat ikun ġie ordnat jew awtorizzat minn qorti jew tribunal bħala parti mill-provi f'konnessjoni ma' xi proċediment quddiem dik il-qorti jew dak it-tribunal; jew

(h) jieħu jew jipprova jieħu f'xi parti tal-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja ritratt fotografiku jew filmat b'kull mezz li jkun mingħajr il-permess tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u tal-Prim Imħallef; jew

(i) ħlief kif previst bil-liġi jew bill-permess tad-Direttur Ġenerali u tal-Prim Imħallef, jieħu jew jipprova jieħu xi rekordjar tal-vuċi.

(2) Meta xi għemil bħalma hu msemmi fis-subregola (1) iseħħ waqt is-smigħ ta' kawża, l-Imħallef jew Maġistrat li jkun, jew f'każ ta' qorti kolleġjalment komposta, il-president ta' dik il-qorti, għandu jipproċedi sommarjament kif previst fl-artikolu 990 tal-Kodiċi wara li jisma' x'għandha xi tgħid il-persuna li lilha jkun attribwit dak l-għemil; u fil-każijiet l-oħra għandha tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-artikolu 68(3) ta' l-imsemmi Kodiċi.

Kap. 12.

Ilbies mhux xieraq.

4. (1) Kull uffiċjal eżekuttiv tal-qorti jista' jżomm milli tidħol fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja jew f'xi awla persuna li, fil-fehma tiegħu, tkun liebsa mhux xieraq:

Iżda jekk dik il-persuna tkun ġiet imsejjħa biex tidher quddiem qorti jew tribunal, l-imsemmi uffiċjal għandu, qabel ma jieħu xi passi, jinforma lill-Imħallef, Maġistrat jew membru tat-tribunal li quddiemu dik il-persuna tkun ġiet imsejjħa tidher u jieħu mingħand dak l-Imħallef, Maġistrat jew membru tat-tribunal l-istruzzjonijiet ta' kif għandu jimxi.

(2) Id-Direttur Ġenerali tal-Qrati għandu, minn żmien għal żmien, jinforma lill-pubbliku dwar it-tip ta' lbies li hu meqjus bħala mhux aċċettabbli fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja.

Taqsima III - Pratiika u Proċedura tal-Qrati rigward is-Smigħ ta' Kawżi li jinżamm bl-Appuntament

Smigħ li jinżamm bl-appuntament.

5. (1) Is-smigħ ta' akkuża kriminali, att ta' l-akkuża jew proċedura oħra għandhom, safejn ikun possibbli, ikunu bl-appuntament għal-ħin determinat kif tiddeċiedi l-qorti.

(2) Meta waqt xi seduta għandhom jistemgħu bosta akkużi kriminali, atti ta' l-akkuża u proċeduri oħra, il-qorti għandha tqassam is-smigħ ta' dawk l-akkużi kriminali, atti ta' l-akkuża u proċeduri oħra f'intervalli raġonevoli biex tiżgura li l-partijiet, u x-xhieda jekk ikun hemm, ma jmorrux il-qorti kollha fl-istess ħin.

Taqsima IV - Referenzi lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

Referenzi lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej taħt l-Artikolu 234 tat-Trattat tal-KE.

6. (1) Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-qorti, u mhux tal-partijiet, li tħejji t-termini ta' referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej. Ir-referenza għandha tidentifika b'mod ċar, fil-qosor u sempliċi skond kemm tippermetti n-natura tal-każ, id-domanda li għaliha l-qorti Maltija trid tikseb risposta. Huwa ferm desiderabbli li jintuża kliem li jista' jiġi tradott faċilment.

(2) Il-qorti li tagħmel ir-referenza għandha f'dokument wieħed mehmuż ma' l-ordni:

(a) tidentifika l-partijiet u tiġbor fil-qosor in-natura u l-istorja tal-proċedimenti;

(b) tiġbor fil-qosor il-fatti prinċipali, u tindika jekk dawn ġewx ippruvati jew ammessi jew assunti;

(ċ) tagħmel referenza għar-regoli tal-liġi nazzjonali (sostantiva u proċedurali) li huma ta' rilevanza għall-kwistjoni;

(d) tiġbor fil-qosor l-argumenti tal-partijiet sakemm ikun rilevanti;

(e) tispjega għaliex qed tintalab deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, billi jiġu identifikati d-disposizzjonijiet tad-dritt komunitarju li l-effett tagħhom jolqot il-kwistjoni;

(f) tifformula, minghajr kumplessità żejda, id-domanda jew domandi li għaliha jew għalihom tintalab risposta.

(3) Meta d-dokument huwa fil-fatt digriet, u spiss dan ikun konvenjenti, is-siltiet li m'humiex rilevanti għar-referenza għandhom jitneħħew mit-test mehmuż ma' l-ordni. Għandu jiġi evitat li jiġu inkorporati appendicijiet, annessi jew dokumenti mehmużin bħala parti mid-dokument, sakemm is-siltiet rilevanti ma jkunux jistgħu jiġu tradotti facilment u huma identifikati b'mod ċar.

(4) Il-qorti li tagħmel ir-referenza għandha tiżgura li l-ordni ta' referenza, meta jiġi finalizzat, jintbagħat minnufih lir-Registratur, Qrati Kriminali u Tribunali, biex ikun jista' jiġi trasmess lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej mingħajr dewmien.

(5) Għandu jitniżżel b'mod ċar l-isem tal-qorti li tagħmel ir-referenza.

Taqsima V - Ilbies ta' l-Avukati, il-Prokuraturi Legali u tal-Membri ta' Forza ta' Dixxiplina

L-ilbies ta' l-avukati u tal-prokuraturi legali.

7. (1) L-avukati li jidhru quddiem xi waħda mill-qrati superjuri ta' kompetenza kriminali waqt is-smigħ ta' akkuża kriminali, att ta' l-akkuża jew proċeduri oħra għandhom jilbsu libsa ta' lewn ikħal skur, griż skur jew iswed, jew qalziet iswed irrigat u ġakketta sewda, qmis bajda b'ingravata jew *bow-tie* suwed, griżi jew bojod u toga sewda. L-avukati nisa li jidhru quddiem l-imsemmija qrati għandhom jilbsu lbiesi ta' lewn iswed jew ta' lewn ikħal jew griż skur, jew *blouse* abjad u dublett iswed u dejjem taħt toga sewda. Imħallef jew Maġistrat jista' għal raġuni tajba jeżenta avukat milli jilbes toga.

(2) Avukat li ma jikkonformax ruħu kompletament ma' dawn il-ħtiġiet ma jkollux jedd ta' smigħ.

(3) Avukati u avukati nisa li jidhru quddiem xi waħda mill-qrati inferjuri ta' ġurisdizzjoni kriminali għandhom josservaw id-disposizzjonijiet tas-subregola (1) iżda jiġu eżentati mill-ħtieġa li jilbsu toga.

(4) Id-disposizzjonijiet tas-subregola (3) jgħoddu, *mutatis mutandis*, għal prokuraturi legali.

(5) (a) Membri ta' forza ta' dixxiplina li jidhru quddiem xi waħda mill-qrati superjuri ta' ġurisdizzjoni kriminali fil-kors ta' l-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħhom jew f'konnessjoni ma' dmirijiethom, għandhom jilbsu l-uniformi normali tagħhom. Jekk din l-uniformi tinkludi ġakketta jew *tunic*, din għandha tintlibes ukoll. Il-fizzjali tal-Armata u tal-Pulizija għandhom dejjem jilbsu l-ġakketta jew it-*tunic* tagħhom.

(b) Ħlief għall-uffiċjali tal-pulizija gazzettjati li jkunu qegħdin imexxu l-prosekuzzjoni, membri ta' forza ta' dixxiplina li jidhru quddiem xi waħda mill-qrati inferjuri fil-kors ta' l-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħhom jew f'konnessjoni ma' dmirijiethom, għandhom jilbsu l-uniformi normali tagħhom jew dak l-ilbies ieħor li huma jkunu awtorizzati jilbsu fil-kors tal-qadi tad-dmirijiet normali tagħhom.

(ċ) Il-qorti tista' teżenta membru ta' forza ta' dixxiplina milli jilbes uniformi.

Taqsima VI - Permess Għal Assenza mix-Xogħol

Permess għal assenza mix-xogħol.

8. (1) Ħlief meta Imħallef ikun imsiefer fuq viżita, jew biex jattendi *seminar*, konferenza jew xi laqgħa oħra simili, kif approvat mill-Prim Imħallef jew mill-Kumitat ta' l-Istudji Ġudizzjarji, Imħallef għandu japplika għand l-Imħallef Anzjan Amministrattiv għal permess għal assenza mix-xogħol, inkluż fejn meħtieġ, permess biex ikun barra minn Malta, għallinqas tliet ijiem qabel ma jkun meħtieġ dan il-permess. L-Imħallef Anzjan Amministrattiv għandu, qabel ma jagħti dan il-permess, jiżgura li saru arranġamenti xierqa għall-affarijiet ta' natura urġenti, li jistgħu jinqalgħu fil-qorti li dak l-Imħallef ikun assenjat, biex jiġu ttrattati minn Imħallef ieħor u, fejn l-Imħallef li qed jitlob dan il-permess normalment iservi b'qorti kolleġġjali, l-Imħallef Anzjan Amministrattiv għandu jikkonsulta mal-president ta' dik il-qorti.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 547(2) tal-Kodiċi Kriminali, ħlief fejn Maġistrat ikun imsiefer fuq viżita, jew biex jattendi *seminar*, konferenza jew xi laqgħa oħra simili, kif approvat mill-Prim Imħallef jew mill-Kumitat ta' l-Istudji Ġudizzjarji, Maġistrat għandu japplika għand il-Maġistrat Anzjan għal permess għal assenza mix-xogħol inkluż fejn meħtieġ, permess biex ikun barra minn Malta, għallinqas tliet ijiem qabel ma jkun meħtieġ dan il-permess. Il-Maġistrat Anzjan għandu, qabel ma jagħti dan il-permess, jiżgura li saru arranġamenti xierqa għall-affarijiet ta' natura urġenti, li jistgħu jinqalgħu fil-qorti li dak il-Maġistrat ikun assenjat, biex jiġu ttrattati minn Maġistrat ieħor.

Kap. 9.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subregoli ta' hawn fuq, għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għall-Imħallef Anzjan Amministrattiv u għall-Maġistrat Anzjan, iżda fil-każ tagħhom għandhom japplikaw lill-Prim Imħallef.

Taqsima VII - Revoka u Riżerva

Revoka u Riżerva.

9. Ir-Regoli tal-Qorti li ġejjin huma b'dan revokati:

L.S. 9.01

(a) ir-Regoli tal-Qorti dwar il-Posponiment ta' Ġurijiet; u

L.S. 9.11

(b) ir-Regoli tal-Qorti biex jinżamm il-Bon-Ordni fil-Qrati tal-Ġustizzja (Kodiċi Kriminali).